MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 559/2002/1

**Master Distributors Ltd**

**Vs**

**Antoine Degiorgio**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta’ Marzu 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm430.26 (erba` mija u tletin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu) ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha mis-socjeta` attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tad-9 ta’ Jannar 2002, u bl-imghax legali; mit-12 ta’ Lulju 2001,

data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut mill-konvenut imma minghand terzi u dan jafuh ben tajjeb l-attur;

Illi l-konvenut ma ghandu l-ebda relazzjoni ma' l-atturi u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi x-xhieda moghtija minn certu Angelo Spiteri u dik in risposta moghtija mill-konvenut fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2004, huma lampanti u jipprovdu s-soluzzjoni ghal din il-vertenza.

Id-definizzjoni moghtija mill-istess konvenut dwar l-arrangament ezistenti bejnu, Angelo Spiteri u Joe Camilleri hija ferm illuminanti.

Il-versjoni minnu moghtija f'dik is-seduta hija ferm differenti minn dik tas-seduta tal-15 ta' April 2003. Id-diversita' fl-interpretazzjoni ma tagevola xejn fil-konfront tieghu. It-Tribunal ta' bilfors irid jaghti affidament lix-xhieda ta' Mario Chetcuti salesman tas-socjeta attrici.

Filwaqt illi japprezza n-nuqqas tas-socjeta attrici li tikkjama fil-kawza liz-zewg persuni l-ohra in vista tas-solidarjeta kummercjali, it-Tribunal ma jista` japprezza dan in-nuqqas da parti tal-istess konvenut. Jekk kien bi shab ghal ta' l-anqas fil-profitt, kif minnu allegat, il-forrnituri kien jafu b' dan l-arrangjament. Anzi meta gie biex jitlaq, ha hsieb li jara li Camilleri jiehu l-istokk li baqa u jhallashom.

Jekk kien profit sharing biss f'hiex jidhol?

It-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni li l-versjonijiet minnu moghtija mhux verosimili u / jew affidabbli .  Mhux hekk biss izda s-socjeta attrici ezawriet id-dover taghha li tipprova l-kaz almenu fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Jiddecidi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa it-talbiet attrici u jikkundanah ihallas is-somma ta' erba' mija u tletin Lira u sitta u ghoxrin centezmu (Lm 430.26) lis-socjeta attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------